

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 23 ta' Ottubru 2015 – Bonney vs UASI (ATHEIST)**(Kawża T-714/14) <sup>(1)</sup>

**[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali ATHEIST — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti athé — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]**

(2015/C 414/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: David Bonney (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: D. Farnsworth, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment minn L. Rampini, sussegwentement minn D. Walicka, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Vanessa Bruno (Pariġi, Franza)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-5 ta' Awwissu 2015 (Każ R 803/2013-4) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Vanessa Bruno u David Bonney.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Bonney huwa kkundannat għall-ispejjeż tiegħu kif ukoll l-ispejjeż sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).

<sup>(1)</sup> ĠU C 431, 1.12.2014.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Ottubru 2015 – Geilenkothen Fabrik für Schutzkleidung vs UASI (Cottonfeel)**(Kawża T-822/14) <sup>(1)</sup>

**[“Trade mark Komunitarja — Talba għat-trade mark Komunitarja verbali Cottonfeel — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Assenza ta’ karattru distintiv — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(b) u (ċ) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]**

(2015/C 414/41)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Geilenkothen Fabrik für Schutzkleidung GmbH (Gerolstein-Müllenborn, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Straub, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Hanne, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-2 ta' Ottubru 2014 (Każ R 2579/2013-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali Cottonfeel bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Geilenkothen Fabrik für Schutzkleidung GmbH għandha tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, daww sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).*

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 46, 9.2.2015.

---

**Appell ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2015 minn LM mid-digriet mogħti mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-14 ta' Lulju 2015 fil-Kawża F-109/14, LM vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża T-560/15)**

(2015/C 414/42)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Appellanti:* LM (Ispra, l-Italja) (rappreżentant: L. Ribolzi, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-digriet appellat.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Dan l-appell huwa ppreżentat kontra d-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-14 ta' Lulju 2015 (Kawża F-109/14) li ċaħad bħala manifestament infondat rikors intiż sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata tħallas lill-appellanti, bħala l-pensjoni ta' superstiti li minnha hija tibbenefika, 35 % tal-ammont tal-pensjoni tal-irtirar riċevuta mill-ex konjuġi tagħha fid-data tal-mewt tiegħu.

Insostenn tat-talbiet tagħha, l-appellanti ssostni li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma eżaminax it-talba għal żieda tal-pensjoni abbażi tal-Artikolu 25 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tat-Trattat ta' Lisbona li jirrikonoxxi d-dritt tal-anzjani li jgħixu ħajja dinjituża u indipendenti u li jipparteċipaw fil-ħajja soċjali u kulturali.